**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Frar 2023.**

**Rikors Guramentat Nru: 230/21 AGV**

**E sive NC**

**Vs**

**A sive An. C L**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' E sive NC tad-9 ta' Jannar 2023, li fih ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-partijiet ghaddejjin minn procedure ta' separazzjoni personali fl-ismijiet premessi liema procedure jinsabu differiti ghat-8 ta' Frar 2023;

Illi l-esponent jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur ta' l-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi mhu se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenuta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' A sive An. C L  tal-20 ta' Jannar 2023 li fiha ppremettiet:

1. Illi permezz tar-rikors tiegħu l-attur qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16;

2. Illi l-esponenti qed topponi ghall-din it-talba u dan stante li f'kaz li tiġi milqugha, hija ser issofri preġudizzju mhux proporzjonat ghaliha. Illi filfatt l-attur jahdem fuq bażi ful-time fuq bażi *self-employed* bhala mini bus driver u dan peress li huwa jaghmel uzu bil-mini bus tal-partijiet u cioe' il-vettura, reġistrata f'isem  NC , akkwistata fiz-zwieg, numru GMY 004 (ara dokument relatat mal-jobs history tal-attur mmarkat bhala Dok A1 u nkartament bhala Dok A 2);

Illi filfatt skond l-istess skrittura privatat datat 28 ta' Marzu 2019, il-partijiet xtraw u akkwistaw din il-minibus, ghall-valur konsiderevoli u dan stante li hija kienet diġà reġistrata mal-Ufficju tal-Coop u ġiet mixtrija bil-

vjaggi tal-iskola b'kollox. In effetti il-vjaggi ndikati fl-istess skrittura u cioe' dawk ta' St Joseph School, San Anton School, Mosta Kinder u Marsa Santu Wistin, huma l-istess vjaġġi li l-attur ghadu jaghmel sal-gurnata tal-lum.

Di piu', jiġi rilevat ukoll li l-partijiet kienu ghamlu tibdil fl-istess minibus fejn dan inbidel minn 16 seater ghall-dak ta' 21 seater u filfatt l-introjtu tal-attur mill-assi tal-komunjoni żdied konsiderevolment;

3. Joseph Barbuto in rappreżentanza tal-Coop Ltd xehed li n-numru tal-attur mal-istess kumpanija huwa filfatt 2004 li huwa l-istess numru ndikat fl-istess skrittura. Illi din hija filfatt prova konkreta li l-attur qed jahdem mal-istess kumpanija permezz tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li gew akkwistati mill-partijiet.

Illi l-istess kumpanija preżentat ukoll payslips fejn jirrizulta b'mod car li l-attur qed jippercepixxi ntrojtu konsiderevoli ferm. Illi filfatt skond l-istess xhieda, l-attur qrd jippercepixxi l-ammont ta' l-fuq minn EUR 6000 kull xahar, li minnhom umbaghad trid titnaqqas il-bolla, taxxa u running costs u dan skond dokumentazzjoni esebita (ara xhieda u dokumentazzjoni hawn annessi u mmarkati bhala Dok A 3);

Illi dan l-introjtu qed jiġi percepit mill-attur u jiġi trasferit f'kontijiet bankarji ntestati f'ismu biss.

4. Illi ghalhekk f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi terminata f'dan l-istadju, ikun ifisser li l-esponenti ser titlef id-dritt li tibbenefika minn sehema mill-profitti li qed isiru u dan stante li dan li dan huwa biss possibbli ghax qed jintuża investiment li kienu ghamlu l-partijiet flimkien.

Illi ma huwiex gust li l-esponenti titlef sehma meta hija wkoll hija ko-propjetarja ta' din il-minibus u vjaġġi, liema flejjes qed jiġu percepiti biss mill-attur;

Illi ċertament dan ser jikkostitwixxi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li l-esponenti diġà ġiet imcahhda milli taghmel uzu minn l-assi tal-komunjoni u issa tkun ser titlef ukoll il-profitti tal-istess assi.

Għar-ragunijiet premessi l-esponenti ma topponix għat-talbiet imsemmija u taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tiġi tterminata ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.

**IKKUNSIDRAT**

Illi permezz tar-rikors odjern il-konvenut qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni  tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi C u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent jisħaq li m'hemm xejn li jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa' din it-talba, stante li ħadd mill-partijiet mhux ser jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenuta.

Min-naħa tagħha, l-konvenuta opponiet li jekk ikun hemm dikjarazzjoni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, se jinħoloq preġudizzju mhux proporzjonat ghaliha, u dan fost ohrajn, ghaliex l-attur jahdem fuq bazi full time, fuq bazi self-employed bhala minibus driver b'vettura li tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u mil-liema huwa ghandu dhul sostanzjali. Hija anke ssostni li l-partijiet flimkien kienu ghamlu tibdil fl-imsemmi minibus fejn dan inbidel minn 16 seater ghal 21 seater u konsegwentement l-introjtu tal-attur zdied konsiderevolment; liema dhul qed jigi depositat f'kontijiet bankarji intestati f'ismu biss anke jekk derivanti minn dak li hija ssejjah investment li kienu ghamlu flimkien.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta` sabiex f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministazzjoni separata. Dan jistipula:

> ***"(1) Il-Qorti tista' f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 illi jistipula:

> ***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza *in parte* għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-subinċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tipronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati 'preġudizzju mhux proprozjonat'. Dan ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Jael Cassar vs Robert Cassar**[1], u wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Martin Bezzina Wettinger vs Michella Bezzina Wettinger**[2].

Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-kawżi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

Din il-Qorti ssegwi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi: "In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta` lil parti jew oħra li "f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi……t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre` l-oneru tal-prova ta'

[1] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru 212/2009/2 RGM)
[2] Rikors Ġuramentat 256/14AL.

dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oġġezzjoni sollevata mill-intimata possibbilment tiġġustifikax iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

L-intimata in sostenn tal-posizzjoni taghha, tannetti ghadd ta' dokumenti mar-risposta taghha inkluz l-iskrittura li permezz taghha l-partijiet akkwistaw l-imsemmi minibus bil-valur ta' tnejn u hamsin elf ewro (Eur 52,000) liema akkwist kien anke jinkludi x-xoghol mal-Coop mill-1 ta' April 2019 'il quddiem u dan oltre x-xhieda ta' Joseph Bartolo li ghan-nom tal-istess Coop xehed li fil-fatt l-attur ghadu jopera maghhom bl-istess minibus u ilu hekk jopera mit-2 ta' Mejju 2019.

Jiġi osservat, li mill-provi prodotti sal-lum, jirrizulta li fil-fatt l-attur, kien u ghadu qed jiġġestixxi dan l-ass tal-komunjoni tal-akkwisti hu mingħajr ma' l-konvenuta qed tircievi sehemha mill-istess anke ghaliex skont ix-xhud tal-Coop, is-Sur Bartolo, l-attur jithallas b'cheques intestati f'ismu mensilment.

Tenut kont tac-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtiega ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, biex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx f'dan l-istadju.

Illi tenut kont tas-suespost, f'dan l-istadju, l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jista' jirreka preġudizzju mhux proporzjonat lill-konvenuta.

Konsegwentement, il-Qorti mhijiex ser tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.

Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' E sive N C , hekk kif dedotta fir-rikors tiegħu datat 9 ta' Jannar 2023.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**